# TRIBUNAL INDUSTRIJALI
# DEĊIŻJONI PRELIMINARI NRU 1605

Każ Nru 2261/FM

Fil-kwistjoni tax-Xogħol

bejn

Lawrence Brincat

u

Richmond Foundation

dwar tkeċċija mill-impieg
allegata li hi nġusta

Data: 25 ta' Mejju 2005

**Chairman: Franco Masini**

## 1. Introduzzjoni

Dan il-każ ġie intavolat fit-23 ta' Frar 2005 permezz ta' rikors mill-Avukat Anġlu Farrugia f'isem is-sur Lawrence Brincat fejn ġie allegat illi dan kien ġie liċenzjat allegatament kontra l-liġi minn mas-soċjetà Richmond Foundation fejn kien jaħdem bħala *part time reliever* fl-14 ta' Frar 2005. Is-soċjetà appellata li kienet rappreżentata minn Mrs Doris Gauci, Chief Executive Officer, assistita mill-Avukat Ronald Aquilina innegat dan. Inżammu tliet seduti.

Ai termini tal-Artikolu 78(1) tal-Kap 452 irid jingħad illi minħabba nuqqas infrastrutturali ma kienx possibbli li l-każ jinqata' fiż-żmien preskritt fil-liġi.

## 2. Fatti tal-Każ

L-Appellant jgħid illi huwa ġie liċenzjat fil-15 ta' Ottubru 2004 għaliex kien mar jara pazjent f'Mount Carmel Hospital meta dan kien għadda xi perijodu ta' rijabilitazzjoni fil-post fejn kien jaħdem l-istess Appellant. Huwa intalab jaħdem ġimgħatejn *notice* sal-31 ta' Ottubru 2004. Sussegwentement kien irċieva l-ittra ta' liċenzjament fl-14 ta' Frar 2005.

Is-Soċjetà Appellata ssollevat eċċezzjoni preliminari fis-sens li t-Tribunal Industrijali ma kienx kompetenti jisma l-każ *ratione materiae* peress illi l-Appellant ma kienx impjegat mas-Soċjetà Appellata la *full time* u lanqas *part time,* iżda kien biss *casual reliever.* Mingħajr preġudizzju għal dan irriteniet li ma tibqax tuża s-servizzi tal-Appellant għal raġuni ġusta u suffiċjenti.

**3. Konsiderazzjonijiet**

It-Tribunal l-ewwel irid jiddeċidi jekk fil-fatt l-Appellant kienx impjegat jew le tas-Soċjetà Appellata. Dana huwa każ fejn trid tara l-Appellant kellux mas-Soċjeta Appellata *contract of service* jew *contract for services.* Li rriżulta mill-provi hu li l-Appellant kien *reliever.* Is-Soċjetà tgħid *casual* u l-Appellant jgħid *part time.* It-Tribunal eżamina bir-reqqa dak li ntqal bil-ġurament u jirriżulta li lill-Appellant kienu jibgħatu għalih kull meta jkun hemm bżonn u jitħallas skond is-segħat li jaħdem. Ma kellux salarju fiss, ma kienx jitħallas il- *bonus* u ma kellux la *leave* u lanqas *sick leave.* Mill-banda l-oħra irriżulta li huwa kien fil-fatt jippresta s-servizzi tiegħu lis-Soċjetà Appellata.

It-Tribunali Inglizi, affaċċjati bil-kwistjoni jekk kuntratt kienx *for services* jew *of service*, żviluppaw diversi testijiet biex jaraw jekk japplikawx il-każi varji li jidhru quddiemhom. Hemm it-test ta' *control,* li jfisser kemm kontroll kellu l-prinċipal fuq dak li kien jagħmel il-ħaddiem. Hemm it-test imbagħad li huwa iktar ċar żviluppat minn Lord Denning fil-każ *Stevenson, Jordan and Harrison vs Macdonald and Evans*. Dan it-test baqa' jissemma' bħala l-*organisation integration test.* Fis-sentenza tiegħu qal testwalment: *"under a contract of service, a man is employed as part of the business and his work is done as an integral part of the business but under a contract for services his work, although done for the business, is not integrated into it but only accessory to it."*

Fil-każ in eżami hemm il-fatt ukoll illi l-Appellant kellu relazzjoni professjonali mas-Soċjetà Appellata (ara x-xhieda ta' Dolores Gauci 16 ta' Marzu 2004 fol. 17-18). Dana jimplika li l-Appellant hu espressament eskluż mid-definizzjoni ta' "impjegat" li testwalment tgħid illi "teskludi xogħol jew servizz mogħti fi sfond professjonali" (artikolu 2 tal-Kap 452).

Meta tieħu x-xogħol fl-assjem tiegħu kollu ma tistgħax ma tikkonkludix li s-servizzi prestati mill-Appellat lis-Soċjetà Appellata kienu ta' natura każwali u professjonali u ċertament mhux bħala servizzi ta' kuntratt tax-xoghol.

**4. Deċiżjoni**

It-Tribunal Industrijali jilqa t-talba tas-Soċjetà Appellata billi jiddikjara li huwa mhux kompetenti jiddeċidi l-merti ta' dan il-każ peress li dan mhux każ ta' tkeċċija nġusta iżda terminazzjoni ta' kuntratt ta' servizzi.

B'hekk jintemm dan il-każ

**<u>5. Sigillar ta' l-atti</u>**

Biex tiġi protetta l-privatezza ta' xi persuni li setgħu forsi issemmew inċidentalment fil-każ it-Tribunal jordna li l-atti kollha tal-każ jiġu siġillati u jkunu disponibbli biss lill-partijiet jew fuq talba ta' xi organu ġjudizzjarju.

Franco Masini
Chairman

Mary Rose Galea
A/Segretarja